MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2004

Appell Civili Numru. 1614/2002/1

**Public Broadcasting Services Limited**

**vs**

**Phoenix Company Limited**

**Il-Qorti,**

Fl-14 ta' Novembru, 2003 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Lulju 2002 fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, tlett mija u hamsa u hamsin lira Maltin (Lm1,355.00) rapprezentanti prezz ta' servizzi ta' reklamar rezi lis-socjeta' konvenuta fuq il-mezzi tax-xandir tas-socjeta' attrici.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 16 ta' Novembru 2001 u bl-imghax mid-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta fejn hija ecepiet is-segwenti:-
1. Preliminarjament li l-ammont mhux dovut stante li s-socjeta' konvenuta ma kienetx ghamlet ordni ghar-riklami li taghhom qed jintalab hlas.
2. Minghjar pregudizzju ghas-suespost dejjem irid jigi pruvat ukoll li fil-fatt ir-reklami in kwistjoni saru.
Bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici ngunta ghas-subizzjoni.

Sema' x-xhieda ta' Eric Vella Bonnici, Joe Bonello, u ta' Tommaso Montalto. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kazu tad-dokumenti esebiti.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi permezz ta' din il-kawza s-socjeta' attrici qed titlob il-pagament tal-ammont ta' Lm1,355.00 dovuti lilha bhala prezz ta' riklami trasmessi minnha fuq il-mezzi tax-xandir taghha fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta. Is-socjeta' konvenuta min-naha l-ohra ssostni li hija ma kienetx ordnat ir-riklami li taghhom is-socjeta' attrici qed titlob hlas u li fi kwalsiasi kaz is-socjeta' attrici trid tipprova li fil-fatt ir-riklami gew trasmessi.

Illi jibda biex jinghad li mill-iskeda esebita a fol. 21 et seq. tal-process jirrizulta li effettivament gew trasmessi r-riklami li tagghom is-socjeta' attrici qed titlob pagament. Dawn ir-riklami kienu jirrigwardaw zewg prodotti u cioe' Pirelli Bedding u Freemans of London. Is-socjeta' konvenuta tirribadixxi li n-negozju ta' Pirelli Bedding huwa gestit minn socjeta' bl-isem ta' Channel Company Limited filwaqt li n-negozju ta' Freemans of London huwa gestit mis-socjeta' konvenuta. Din tal-ahhar tghid ukoll li hija qatt ma ordnat ir-riklam tal-Freemans stante li sabiex hija tkun tista' tirriklama kellha bzonn l-awtorizzazzjoni tas-socjeta'

barranija (vide x-xhieda ta’ Tommaso Montalto f’san is-sens).

Illi mill-provi rrizulta li n-negozju ta’ dawn iz-zewg socjetajiet appena citati huwa gestit minn certu Tommaso Montalto u li kien huwa li dejjem innegozja mas-socjeta’ attrici in kwantu jirrigwarda r-riklamar. Il-fatturi esebiti a fol. 12, 13 u 14 tal-process huma mahruga f’isem is-socjeta’ konvenuta u jindikaw li r-riklami jirreferu kemm ghal Freemans kif ukoll ghal Pirelli. Is-socjeta’ attrici esebiet ukoll kopji ta’ tlett kuntratti (a fol. 16, 17 u 18 fejn l-isem tal-klijent huwa ndikat bhala Tommaso Montalto u fejn il-prodott fuq kuntratt wiehed huwa ndikat bhala Freemans biss ( a fol. 16) u fuq iz-zewg kuntratti l-ohra bhala Freemans u Pirelli. Dawn iz-zewg kuntratti ma gewx iffirmati mill-klijent u cioe’ minn Tommaso Montalto. Mix-xhieda ta’ Joe Bonello tat-8 ta’ Novembru 2002 jirrizulta li Tommaso Montalto kien ta’ sikwit jeffetwa pagamenti rigwardanti ammonti dovuti mis-socjeta’ konvenuta permezz ta’ cheque mahrug minn Channel Company Limited u anki vice versa. Dan il-fatt gie konfermat minn Tommmaso Montalto stess li fis-seduta tal-5 ta’ Marzu 2003 xehed li “lil Joe Bonello jiena nafu. Kien hemm okkazjonijiet fejn jiena hallast kontijiet ta’ Channel Company Limited bic-cheque book ta’ Pheonix Company Limited u li jigri kien li l-fondi jigu trasferiti mill-awditur mill-kumpanija l-ohra.” Mill-provi rrizulta wkoll li fit-30 ta’ april 2001 gie effetwat pagament akkont tal-prezz tar-riklami trasmessi in kwantu jirrigwarda Freemans u Pirelli.

Fil-fehhma tat-Tribunal Tommaso Montalto, li huwa l-uniku direttur taz-zewg kumpaniji, u cioe’ ta’ Channel Company Limited u tas-socjeta’ konvenuta, permezz tal-agir tieghu ta lis-socjeta’ attrici x’tifhem li n-negozju taz-zewg socejtajiet minnu gestiti kien interskambjabbli fis-sens illi meta huwa kien jordna ir-riklami ghal Pirelli jew Freemans huwa kien daqqa jeffetwa pagamenti permezz ta’ cheque ta’ Channel Comppany Limited u daqqa permezz ta’ cheque mahrug mis-socjeta’ konvenuta anki meta r-riklami kienu jirrigwardaw in-negozju li suppost kien gestit mis-socjeta’ l-ohra. Inoltre jirid jigi rilevat li l-pagament fis-somma ta’ Lm600.00 effetwat minn Tommaso Montalto

akkont tal-prezz tas-servizzi ta’ riklamar li taghhom is-socjeta’ attrici qed titlob il-bilanc fil-kawza odjerna minghajr ma indika f’isem ta’ liema socjeta’ kien qed jefffetwa l-pagament hija indikazzjoni ulterjuri ta’ dak li ghadu kemm inghad,

Fil-fehma tat-Tribunal is-socjeta’’ attrici rnexxielha tipprova soddisfacentement li s-servizzi ta’ riklamar gew ordnati mis-socjeta’ konvenuta, li dawn ir-riklami gew traswmessi kif  miftiehem u li l-bilanc tal-prezz ta’ dawn ir-rik;ami ghadu dovut.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta, jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf, tlett mija u hamsa u hamsin lira Maltin (Lm1,355.00), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta’ Novembru 2001, ghandhom jithallsu nterament mis-socjeta’ konvenuta skond il-ligi.”

Minn din is-sentenza appellat is-socjeta` konvenuta b’diversi aggravji li kollettivament jammontaw ghall-kritika tal-apprezzament tal-provi li ghamel it-Tribunal.  Hi tissenjala d-diversi aspetti tal-aggravju singolari taghha b’dan il-mod:-

i. Ma sarx apprezzament xieraq tal-fatti illi Tommaso Montalto jiggestixxi l-attivitajiet tieghu permezz ta’ zewg socjetajiet distinti;

ii. Is-socjeta` konvenuta citata qatt ma ppjazzat ordni ghal reklamar tant li lanqas gie provat illi hi ffirmat kuntratt sabiex isiru r-reklami li taghhom is-socjeta` attrici qed titlob il-hlas;

iii. Id-dejn ta’ kumpanija wahda ma kelliex tkun responsabbli ghalih kumpanija ohra;

iv. Ma giex provat mis-socjeta` attrici li s-servizz ta' reklamar gie ordnat minnha u li dawn ir-reklami gew trasmessi kif miftiehem.

Din il-Qorti tibda biex tirregistra l-punt illi gjaladarba d-diversi aggravji ghandhom insit fihom ingredjenti riferibilment ghall-evalwazzjoni tal-provi li saret mit-Tribunal hi ser tikkonsidrahom bhala aggravju wiehed ghall-finijiet tal-ezami ta' dan l-appell. In effetti, kif hekk apparentement hu ovvju, l-lanjanzi tas-socjeta` appellanti, kif fuq gja ntqal, huma merament kritika tal-apprezzament ta' fatt fid-dawl tal-provi quddiem it-Tribunal. Apprezzament li t-Tribunal wasal ghalih wara analisi tax-xhieda mismugha, tad-dokumenti esebiti, u tal-ezercizzju dwar l-attendibilita` taghhom.

Kif inhu di rigore f'kazijiet ta' din ix-xorta din il-Qorti ma tistghax tonqos milli hi wkoll taghmel dawn l-osservazzjonijiet:-

(1) Fl-ewwel lok ghandu jibqa' jimpera l-principju ormai ben saldat fil-gurisprudenza taghna illi l-Qorti ta' revizjoni m'ghandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel tribunal jekk mhux ghal ragunijiet gravi li jwassluha ghal konvinciment illi dak it-tribunal ma setghax ma kienx zbaljat fl-apprezzament tieghu. Ragunijiet li jwassluha ghall-konvinzjoni illi jekk ma tissostitwiex l-apprezzament taghha ta' dawk il-provi ghal dawk tat-tribunal tkun se tigi krejata ingustizzja manifesta. Ara "**Joseph Walker noe -vs- Raymond Pizzuto**", Appell, 6 ta' Ottubru 1999.

(2) Konsiderat 'quid unum' l-aggravju ma kien jimporta l-ebda punt ta' dritt hlief ghall-applikazzjoni tal-principju bazilari li min jallega kien obbligat bil-ligi li jipprova. Principju li anke f'dan il-kaz is-socjeta` appellanti tinterpretah fis-sens illi s-socjeta` appellata naqset li tipprova adegwatament il-premessi ghat-talbiet u konsegwentement kellu japplika l-principju l-iehor "actore non probante reus absolvitur". Ara "**Emanuel Genovese noe -vs- Max Castagna pro et noe**", Appell, 23 ta' April 2001.

Premessi dawn l-osservazzjonijiet, meta rigwardati fl-ambitu tar-rizultanzi istruttorji f'dan il-kaz din il-Qorti tista' bla ezitazzjoni tikkonkludi illi wara ri-ezami akkurat tal-istess rizultanzi, verament ma ssibx raguni serja biex tiddipartixxi mill-konsiderazzjonijiet fis-sentenza appellata u tal-apprezzament fattwali li ghamel it-Tribunal.

Jibda biex jinghad illi fil-fehma tal-Qorti s-socjeta` attrici forniet elementi favorevoli sufficcjenti biex tiddemostra u ssostni l-fatt kostituttiv tad-dritt pretiz minnha. Dan hu indott mill-provi offerti minnha bhala l-parti gravata bil-piz tal-prova kif ukoll minn dawk l-elementi probatorji ohrajn akkwiziti mill-process. Senjatament, is-socjeta` appellata ghamlet il-prova li:-

(a) f'April 2001 s-socjeta` konvenuta kienet iddepozitat maghha s-somma ta' sitt mitt lira (Lm600) bhala hlas akkont ghal reklamar ta' Pirelli Bedding u d-Dreamland of London, anke jekk il-kuntratt relattiv baqa' ma giex iffirmat mis-socjeta` appellanti. Ara xhieda ta' Eric Vella Bonnici (fol 40), Manager Finance tas-socjeta` attrici;

(b) r-reklami gew trasmessi skond l-Iskeda fix-xhur ta' April, Mejju u Gunju 2001;

(c) ghalkemm Thomas Montalto kien jinnegozja f'isem zewg kumpaniji, anke jekk ir-reklami kienu jirreferu ghall-prodott ta' kumpanija wahda u mhux ta' ohra, kien dan li kien jindika lis-socjeta` attrici fuq liema kumpanija kellhom jinhargu l-fatturi u jigu effettwati l-pagamenti relattivi ghall-ispots. Ara deposizzjoni ta' Joe Bonello (fol 55), Manager Advertising tas-socjeta` attrici;

(d) l-ammont mitlub fl-istanza odjerna jirrigwarda l-prezz ta' reklamar ghall-prodott ta' Freemans. Vide xhieda tal-imsemmi Joe Bonello, fol 48.

Minn dan jitnissel illi una volta din il-Qorti hi sodisfatta li s-socjeta` attrici weriet bi provi pozittivi l-legittimita` tat-talba taghha, kien jispetta lis-socjeta` konvenuta li ssostni l-assunt taghha skond l-ewwel eccezzjoni illi hi ma kienet

ghamlet ebda ordni ghar-riklami li taghhom intalab hlas minn ghandha. Hi allura kellha tiskarika dan l-oneru inkombenti fuqha. Kien krucjali ghat-tezi taghha li adegwatament tipprova l-fondatezza ta' din id-difiza. Mod iehor, ikollha tbati l-konsegwenzi relattivi f'kaz li tali prova ma tigix raggunta jew tirrizulta nsufficcjenti.

Issa fix-xhieda tieghu Tommaso Montalto, direttur uniku taz-zewg kumpaniji Channel Co. Ltd u Phoenix Company Limited, jikkontrapponga b'difiza illi s-socjeta` konvenuta qatt ma ordnat xi servizz ta' reklamar minghand is-socjeta` attrici fil-perijodu stabbilit mill-provi. Jiddikjara wkoll illi ghalkemm kien hemm okkazzjonijiet fejn hallas il-kontijiet ta' kumpanija wahda bic-cheques tal-kumpanija l-ohra, jinsisti pero` li f'dak il-perjodu ma ppjazzax ordni ta' reklamar ghall-Freemans of London rapprezentata lokalment mis-socjeta` konvenuta. Biex jissostanzja dan huwa pprometta li jesebixxi dokument manifestanti l-prova li fiz-zmien in kwestjoni ma kellux awtorizazzjoni biex igib reklami ta' Freemans. L-ebda dokument bhal dan ma gie prodott u esebit minnu.

Dan premess, kif taraha din il-Qorti s-socjeta` konvenuta ma wassletx biex telimina l-incertezza krejata bil-versjoni tar-rapprezentant taghha. Versjoni din li wkoll thalli sapur ta' nuqqas ta' kredibilita` meta, kif mistqarr mill-imsemmi xhud, la kien jiftakar li qatt ra uhud mill-fatturi u addirittura li lanqas kien jiftakar li effettivament is-socjeta` konvenuta rapprezentata minnu kienet ghamlet pagament akkont ta' sitt mitt lira (fol 68). F'cirkostanzi bhal dawn ma jidherx li s-socjeta` appellanti ghandha tlum lil din il-Qorti jekk ma ssibx li l-ispjegazzjoni tar-rapprezentant taghha ma tistax titqies verosimili, u ghalhekk accettabbli biex issostni d-difiza u l-aggravji taghha.

Ghal dawn il-motivi u dawk l-ohra dedotti mit-Tribunal din il-Qorti qed tichad l-appell tas-socjeta` konvenuta u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez anke ta' din l-istanza ghandhom jitbatew mis-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------